**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2019

**Il-Pulizija**
(Spettur Roderick Attard)

***kontra***

**Sellem Mohammed**

## Il-Qorti

1. Rat illi l-imputat Sellem Mohammed, iben Hashami u Aisha Karam, imwieled il-Marokk nhar l-14 ta' Settembru 1995, residenti gewwa l-*Barracks* ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19G-034, gie akkuzat talli:

    i. *"nhar il-15 ta' Lulju 2019 ghall-habta tal-10:15hrs gewwa l-Gzejjer Maltin, ikkommetta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta' persuni nkarigati mill-kustodja tieghu u dan bi ksur tal-artikolu 151 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta"*

2. Rat illi l-imputat tressaq taht arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 21 ta' Awwissu 2019 f'liema seduta *inter alia*:

    i. il-Qorti ikkonvalidat tali arrest;

ii. l-imputat wiegeb li huwa hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu ftit zmien biex jekk irid jerġa' lura minnha;

3. Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

4. Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-abbli Ufficjal Prosekutur u mill-abbli difensur tal-imputat;

**Kunsiderazzjonijiet**

5. Ikkunsidrat illi ghalkemm huwa minnu li l-imputat wettaq ksur lampanti tal-ligi meta harab mill-kustodja tal-persuni inkarigati mill-kustodja tieghu, fl-istess hin jidher illi b'konsegwenza ta' tali harba l-imputat sofra griehi serji inkluz ksur tal-ghadam, liema griehi qeghdin jrendulu hajtu difficli tant illi ghadda u ghadu ghaddej minn sensiela ta' operazzjonijiet kirurgici;

6. Il-Qorti tifhem illi qeghda f'posizzjoni delikata li ma' tistax tghaddi messagg li qisu xejn m'hu xejn u li wiehed jista' jahrab minn post ta' detenzjoni minghajr ma' jkollu riperkussjonijiet legali fuqu. Mill-banda l-ohra l-Qorti tifhem li ghandha quddiemha ukoll bniedem uman illi ghadda u ghadu ghaddej minn sofferenza kbira kawzi tal-griehi serji li garrab waqt il-harba. Huwa veru illi l-imputat ma' kienx isofri tali griehi li kieku ma' ghamilx dak li ghamel, izda fl-istess hin il-Qorti thoss illi tkun qed tagixxi bi hruxija zejda jekk tkompli tghaddas lill-imputat izjed 'l isfel billi tibghatu l-habs, tenut kont l-interventi kirurgici li ghad jrid jghaddi minnhom fil-gimghat u xhur li gejjin;

7. Il-Qorti trid izzomm bilanc bejn, fuq naha wahda l-protezzjoni tas-socjeta' u fuq naha ohra, l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-imputat u fuq kollox l-umanita' u d-dinjita' tieghu. F'dawn ic-cirkustanzi partikulari l-Qorti thoss illi dan il-bilanc jintlahaq jekk il-piena stabbilita mill-ligi taht l-Art. 151 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tigi sospiza ai termini tal-Art. 28A tal-istess Kap. 9;

**Decide**

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

i. **wara li rat l-Artikoli 151 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u <u>tikkundannah</u> ghal sitt (6) xhur prigunerija b'dan pero illi ghar-ragunijiet fuq**

**imsemmija l-piena qed tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn b'effett mill-lum;**

ii. **spjegat lill-hati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Yesenia Maria Pace**
**Deputat Registratur**